# L-oriġini u l-iżvilupp tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat ta' Malta




**Kitba Joseph Sultana**

Forsi qatt ma aħna sa nkunu nafu bl-eżatt is-sena meta oriġinat din il-purċissjoni. Jisgħobbina ngħidu li dwar l-oriġini tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat Malta ftit li xejn għandna dokumenti u kulma nkiteb huwa dgħajjef ħafna. Hi ħaġa ferm diffiċli u impossibli li wieħed jirnexxielu jistabbilixxi d-data eżatta tal-oriġini ta' din il-purċissjoni. Imma dan ma jaqtagħlniex qalbna, hemm biżżejjed riċerka biex naslu qrib ħafna ta' din id-data. Dan ix-xogħol huwa maqsum fi tliet taqsimiet. L-ewwel taqsima mmorru fil-perjodu Nofsani Bikri tal-Kristjaneżmu ġewwa l-Art Imqaddsa kif oriġinat il-*Via Crucis* u bdew il-pellegrinaġġi penitenzjali. It-tieni taqsima teħodna wkoll fil-perjodu Bikri Nofsani tal-Kristjaneżmu, imma f'pajjiżna. Perjodu li jibqa' sejjer sa żminijiet Nofsani, fejn naraw il-mixja tal-oriġini tal-Fratellanza ta' San Ġużepp u l-miġja fostna tal-Patrijiet Franġiskani Osservanti llum jissejħu Minuri, fejn hawnhekk naraw l-oriġini tal-purċissjoni tal-Gimgħa l-Kbira. It-tielet taqsima tevalwa u tanalizza l-żvilupp ta' kif evolvit din il-purċissjoni li finalment tferxet ma' pajjiżna kollu.

It-tradizzjoni tgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra b'qawwa emottiva b'dak kollu li jagħniha mal-mogħdija taż-żmien. Kull tradizzjoni hija unika u għandu jsir kull sforz biex tibqa' miżmuma ħajja u ma tintilifx. Fiha hemm is-sbuħija li għandha tibqa' titgawda. Barra minn hekk hemm ukoll il-leġġenda li lanqas ma għandha tkun ikkritikata u mmaqdra meta tasal l-evidenza, dan ma għandu l-ebda dritt u awtorita biex jiċħad l-eżistenza possibli tar-realtà tal-imgħoddi.[1] Meta l-istoriku ma jsibx biżżejjed dokumenti juża l-ħiliet tal-intellett u jagħtina interpretazzjoni tal-fatti. Il-fatti tal-istorja trid tagħtiha interpretazzjoni biex b'hekk tifhem aħjar il-passat. Dan huwa preċis x'naqraw fil-kotba tal-istorja l-interpretazzjoni tal-awtur. Jekk dan mhux biżżejjed tgħaddi għal dik li tissejjaħ arkeoloġija għal aktar evidenza, għaliex il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat għandha l-eqdem ikoni li jirrappreżentaw il-flaġellazzjoni, statwa mill-isbaħ skolpita fl-injam u l-monument l-antik li għadu kkonservat fl-Oratorju tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp ġewwa l-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù Ta' Ġieżu.

Xhieda oħra hija fuq l-eqdem Fratellanza ta' Malta li kienet minn dejjem inkarigata li tieħu ħsieb din il-purċissjoni antika. Dan ser niġġustifikawh b'dokumenti tas-seklu sittax u sbatax fuq it-twaqqif ta' din il-Fratellanza, uħud minn dawn id-dokumenti nstabu ġewwa l-arkivju tal-Kunvent ta' San Mark tal-Agostinjani fir-Rabat Malta.

Hawnhekk tidħol ukoll il-miġja tal-Patrijiet Franġiskani Osservanti jew kif nafuhom illum Franġiskani Minuri fl-1482 li bil-filosofija tagħhom kollox Kristu ċentriku, għalhekk huma taw spinta 'l quddiem dak kollu li għandu x'jaqsam mal-umanità ta' Kristu, eżempju Presepju, Via Sagra, Purċissjoni tal-Gimgħa l-Kbira. Kull fejn marru xerrdu drawwiet tal-passjoni l-mewt u l-qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu li kienu jsiru mit-twaqqif tal-Kristjaneżmu ġewwa l-Art Imqaddsa fejn kienu kisbu l-jedd legali esklussiv mill-1309.

Mela li f'ċertu kitbiet fejn intqal li l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tar-Rabat mhux l-ewwel waħda għax ma hemmx bażi storika hija infondata. Kull storiku li kiteb dwar l-oriġini tal-purċissjonijiet fil-gżejjer Maltin jammetti li dik tar-Rabat hija l-ewwel waħda li oriġinat fi gżiritna. Anke fi Spanja u anke ġewwa Sqallija fejn isiru kungressi nazzjonali minn fratellanzi u jiġu ppubblikati d-diskorsi annotati, minn akkademiċi universitarji.[2] Hu diffiċli ferm biex issibu l-oriġini eżatta ta' dawn il-purċissjonijiet bil-kitba aħseb u ara f'pajjiżna fejn l-illitteriżmu kien jaħkem kull rokna ta' din id-daqsxejn ta' gżira u fejn kien hawn tant taqlib speċjalment fir-Rabat fejn sofra żewġ assedji fuq il-belt Kapitali tal-Imdina u nqerdu nħarqu manuskritti libreriji kunventi u knejjes ta' dan is-subborġ.

## Via Crucis *(It-Triq tas-Salib)*

It-teorija tiegħi minn dejjem kienet li l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira infatmet mill-*Via Crucis*. Hemm xebħ kbir kemm f'dak li huwa spiritwalità u kemm dik li hija forma ta' pellegrinaġġ penitenzjali. Meta twieldet eżattament it-Triq tas-Salib? Din hi

domanda li mhux faċli li wieħed jirrispondiha. Dan minħabba l-fatt li din id-devozzjoni, kif waslet lilna illum, hija riżultat ta' proċess twil ta' kif evolviet minn Ġerusalemm sal-Ewropa.

Sa mill-ewwel żminijiet l-insara għamlu minn kollox biex iżommu ħajja ġewwa Ġerusalemm it-tradizzjoni tal-Passjoni ta' Kristu anke jekk f'mod differenti minn kif nafuha llum. Lejn l-aħħar tar-raba' seklu, il-pellegrina Spanjola Egeria għamlet pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa. Mid-djarju tal-vjaġġ li żammet naqraw li f'ċerti ġranet tas-sena l-insara tal-post kienu jmorru fuq il-postijiet marbuta mal-ġrajjiet tal-fidwa. F'Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira l-Insara kienu jagħmlu purċissjoni lejn il-postijiet tal-passjoni ta' Ġesù.

Wara li joħorġu mill-bini li hemm fil-quċċata tal-Għolja taż-Żebbuġ, li jfakkar it-Tlugħ fis-Sema ta' Ġesù, kienu jinżlu fil-Ġetsemani fejn permezz tal-qari tal-vanġelu, il-kant u t-talb, ifakkru l-arrest ta' Ġesù. Minn hemm kienu jaqsmu Ġerusalemm kollha sal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu fejn kienu jsiru ċ-ċelebrazzjonijiet prinċipali.


**Id-dħul tal-Kruċjati f'Ġerusalemm**

Wara l-Kruċjati rebħu lura l-belt ta' Ġerusalemm, il-kavallieri bdew isaħħu l-memorja tal-postijiet qaddisa, marbuta mal-ħajja ta' Ġesù, speċjalment il-Passjoni. It-tifkira f'dawn il-postijiet bdiet bil-mod tieħu xejra ta' mixja ta' "stazzjonijiet" jew "waqfiet".

Lejn is-sena 1294, id-Dumnikan Ricoldo di Monte Croce kiteb li l-pellegrini kienu jagħmlu l-istess triq li mexa Ġesù mill-post fejn ikkundannawh sa fejn sallbuh u difnuh.

Kienu l-Kruċjati li ġabu dawn it-tradizzjonijiet mill-Art Imqaddsa lejn l-Ewropa. L-insara ta' dak iż-żmien kienu fuq kollox interessati fil-ġrajjiet tal-passjoni ta' Kristu, fi qbil mal-ispiritwalità tal-Medjuevu. Żviluppaw ukoll forom reliġjużi ġodda li għenu biex jinxterdu diversi devozzjonijiet l-aktar fit-territorju Ġermaniku, bħalma kienu "Is-seba' waqgħat ta' Ġesù". "Il-mixjiet ta' tbatija ta' Ġesù u "Pellegrinaġġi spiritwali".

Bartilimew ta' Pola kien l-awtur ta' librett devozzjonali importanti, ippubblikat fl-1475, li xerred id-devozzjoni lejn dawk li kienu jissejħu "is-Seba' Maħfriet". Dawn kienu talbiet penitenzjali għal kull stazzjon. In-numru 7 ma ntgħażilx bl-addoċċ, għax fil-Bibbja huwa simbolu ta' dak li hu sħiħ u perfett.

Fit-tieni nofs tas-seklu sittax, is-seba' "stazzjonijiet" jew "waqgħat" kibru għal tnax. B'dan il-mod mal-"waqgħat" żdiedu ġrajjiet oħra mill-ħajja ta' Ġesù, b'mod li flimkien kienu jagħmlu enfasi fuq l-importanza li wieħed jimxi wara Ġesù fit-triq tas-Salib u li jingħaqad spiritwalment mal-passjoni tiegħu.

Eżempju ta' dan insibu l-hekk imsejjaħ "Pellegrinaġġ Spiritwali" stampat fl-1563 li fih il-Karmelitan Belġjan Johan van Paesschen ippropona ordni fil-*Via Crucis* mhux differenti ħafna minn dak li għandna llum. Fil-*Via Crucis* ta' van Paesschen kull stazzjon kien jikkorrispondi ma' ġurnata.

Il-forma twila tal-*Via Crucis* ta' van Paesschen kellha 15-il stazzjon: (1) l-arrest fil-Ġetsemani (2) il-proċess quddiem is-Sinedriju (3) il-proċess quddiem Pilatu (4) il-kundanna għall-mewt (5) Ġesù mgħobbi bis-salib u l-ewwel waqgħa (6) il-laqgħa ma' Ommu u t-tieni waqgħa (7) it-tielet waqgħa u l-għajnuna ta' Xmun minn Ċirene (8) ir-raba' waqgħa u l-ġest tal-ħniena tal-Veronika (9) il-ħames waqgħa (10) in-nisa ta' Ġerusalemm (11) Ġesù mneżża minn ħwejġu (12) Ġesù msallab (13) il-mewt ta' Ġesù (14) Ġesù mniżżel mis-salib (15) id-Difna.

Ftit wara, fl-1584 is-saċerdot Fjamming Christian van Adrichem qasam il-*Via Dolorosa* fi-12 il-stazzjon. Din tixbaħ ħafna lil dik ta' van Paesschen imma bil-waqgħat imnaqqsin għal tlieta. Van Adrichem għamel sforz biex jindika t-tul tat-triq li mexa Ġesù mingħand Pilatu sal-Kalvarju, li kienu 1,321 pass. Id-distanza preċiża bejn stazzjon u ieħor kellha skop speċifiku: dik li n-nisrani jkun fejn ikun, fid-dar jew il-knisja jimxi ma' Ġesù, u jżomm f'moħħu t-Triq tas-Salib u jimmedita f'qalbu l-passjoni ta' Kristu.

Bejn is-sekli Sbatax u Tmintax il-*Via Crucis* ħadet forma aktar definittiva. Mat-tnax-il stazzjon żdiedu l-aħħar tnejn: Ġesù mniżżel mis-salib u d-difna. B'dan il-mod ġie affermat u mxerred l-ordni l-ġdid tal-*Via Crucis* magħmula minn 14-il stazzjon, li għadha sal-ġurnata tal-lum.

Fl-1731, il-Kongregazzjoni tal-Indulġenzi għarfet il-*Via Crucis* bħala devozzjoni qaddisa. Din id-deċiżjoni sabet appoġġ prezzjuż fil-predikazzjoni ta' San Leonardo da Porto Maurizio, il-famuż

predikatur Franġiskan li għal 40 sena, sa mewtu fl-1751, waqqaf personalment 572 *Via Crucis*. Waħda minnhom waqqafha fil-Colosseum ta' Ruma fl-1741.

F'pajjiżna, il-*Via Crucis* twaqqfet għall-ewwel darba fil-knisja Ta' Ġiezu r-Rabat Malta fl-1727 minn Patri Costanzo Vella fejn wara tferrxet mal-Gżejjer Maltin. Dan il-patri ħabrieki kien għalliem tal-Filosofija u Teoloġija, u kien wieħed mill-akbar predikaturi ta' żmienu f'Malta u Sqallija. Il-Kapitlu Ġenerali ta' Milan bagħtu fl-istudju Ġenerali ta' Modica. Miet fil-kunvent tar-Rabat fl-1759.

Bħalma ktibt fil-bidu ta' dan il-kapitlu hemm xebħ kbir ta' dan il-pellegrinaġġ *Via Crucis* u l-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-Franġiskani stabilixxew ruħhom fis-sena 1332 ġewwa Ġerusalemm. Waqfu mixja b'forma ġdida għall-pellegrini. Kuljum kienu jagħmlu mixja msejħa *santo circolo* jew *le cerchie*. Mill-għolja ta' Sijon, fejn kienu joqogħdu, kienu jitilqu mal-pellegrini u kjeriċi li kienu alloġjati għandhom, jgħaddu fl-Ospizju ta' San Ġwann Battista, fejn kien ikun hemm pellegrini oħra minn quddiem il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu fejn kienu jibdew il-mixja li bil-Latin kienet tissejjaħ *Lap strat di trivium flent sudar sincopizavit Por pis lap que schola domus her Symonis Pharisey.* [3]

Kien il-Papa Girgor XIII li fl-1573 ppromulga l-Bolla *Pastoralis Eterni* li wasslet għall-purċissjonijiet tar-Randan li minnhom tnisslu dawk tal-Ġimgħa l-Kbira.[4] Hekk naraw kif dawn il-pellegrinaġġi li kienu jsiru mill-Patrijiet Franġiskani bdew isiru purċissjonijiet devozzjonali tal-Ġimgħa Mqaddsa.

## Il-Kristjaneżmu f'Malta fiż-Żmien Nofsani bikri

Fejn illum jinsab ir-Rabat kienet il-Belt Kapitali urbana ta' pajjiżna sa minn żmien il-Kartaġiniżi u r-Rumani li kienet tissejjaħ *Melite* bħalma kien jisimha l-istess gżira. Fi żmien l-Għarab din il-Belt iċċeknet, fejn tawha l-isem ta' *Medina* (Imdina) li tfisser Belt u l-parti li l-oħra barra mis-swar sejħulha Rabat li bl-Għarbi tfisser subborg. Ir-Rabat u l-Belt Kapitali ta' dak iż-żmien l-Imdina minn dejjem kienu ċ-ċentru prinċipali ta' pajjiżna, hawnekk sa minn żminijiet bikrija kien hawn attività politika, kummerċjali, soċjali kif ukoll dik reliġjuża attiva. Kienu f'dawn il-postijiet tal-gżejjer Maltin li missirijietna xerrdu d-devozzjoni tal-kult tal-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu kif ser naraw aktar 'il quddiem.

Għadd ta' siti fir-Rabat, bħall-kumplessi tad-dfin barra mill-belt ta' *Melite*, li huma il-katakombi tal-Virtù, dawk ta' San Pawl, ta' San Katald, l-katakombi ta' San Agata u l-monasteru tal-Abbatija tad-Dejr jindikaw il-mod kif il-prattika tal-kult nisrani ħareġ fil-beraħ u saret parti mill-ħajja pubblika speċjalment fir-Rabat fil-qafas ta' ħakma Rumana Biżantina tal-Lvant.

F'kull katakombi li nsibu fir-Rabat jinstabu simboli Kristjani u slaleb minquxin fil-blat. Semmejna l-Abbatija tad-Dejr f'Bir ir-Riebu fejn Irħieb Biżantini (500-870 W.K.) kienu jiċċelebraw il-kult tal-liturġija tal-Ġimgħa Mqaddsa, kif ukoll fl-għerien u katakombi tal-Virtu. Fil-knisja troglodita tal-Abbatija tad-Dejr kien jinsab affresk tas-seklu 14 ġo arzella, li jikkonsisti fin-nofs Kurċifiss u ħdejh il-Madonna u San Ġwann, l-Arkanġlu Gabrijel u aktarx San Benedittu. Dan għaliex il-kundizzjoni tal-affresk mhux tajba ħafna u lejn l-aħħar tas-seklu għoxrin ġie mqabbad l-artist Lazzaro Pisani biex jagħmel kopja tagħha bl-akwarella.[5]



**L-affresk stil Gotiku li kien jinsab fil-knisja tal-Abbatija tad-dejr, illum jinsab fil-Mużew tal-Arti il-Belt.**

Dan hu l-eqdem affresk, simbolu tal-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Dan ix-xogħol sar fi żmien meta fil-medjuevu dan il-lok kien f'idejn il-patrijiet Benedittini. Wieħed mill-isbaħ katakombi Kristjan fil-gżejjer Maltin huwa dak ta' Sant'Agata fejn insibu affreski mill-isbaħ ta' qaddisin, simboli Kristjani taż-żmien bikri, slaleb imnaqqxin fil-blat kif ukoll fuħħar b'disinji Kristjani.



**Affreski fil-Katakombi ta' Sant'Agata tas-seklu 4 u 5**



**Imsiebaħ b'simboli Kristjani mill-Katakombi ta' Sant'Agata ta' seklu 4 u 5. Tas-seklu 4 u 5 wara Kristu.**



**Affreski fil-Katakombi ta' Sant'Agata 1480**

Ta' interess ftit 'il bogħod mill-katakombi ta' Sant'Agata kien jinsab ieħor illum mitluf, imsejjaħ ta' Santa Venera. Ġiann Franġisk Abela, kiteb hekk fuqu: "Fih għadu jidher affresk xbieha tal-Qaddisa bilwieqfa b'kalċi f'idejha mimlija bin-nar kif iffigurata l-knisja, li mill-Griegi kienet imsejħa Santa Parasceve għaliex, skont kif jgħidu, hija twieldet fil-jum imqaddes tal-Ġimgħa l-Kbira." Fiż-żmien f'dan iċ-ċimiterju kien hemm artal li fuqu kienet tiġi ċċelebrata quddiesa.[6]

Lejn tmiem is-seklu sitta, jaslulna ittri ta' Papa Gregorju l-Kbir dwar l-amministrazzjoni tal-Knisja Maltija. Dawn id-dokumenti jitfgħu dawl importanti fuq l-organizzazzjoni tal-Kristjaneżmu f'Malta fiż-Żmien Nofsani bikri. Waħda minn dawn l-ittri fis-sena 604 W.K. l-istess sena tal-mewt ta' dan il-Papa kbir, tħeġġeġ lill-Isqof ta' Malta Dom Trayanus fejn fiha talbu biex nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa jsiru pellegrinaġġi penitenzjali u fihom tingħad u jitkantaw il-litaniji Gregorjani. F'dawn iż-żminijiet kien hawn il-biża' li jaħbtu għall-gżira l-Longobardi.[7] Dawn jitqiesu bħala l-ewwel purċissjonijiet penitenzjali esterni b'rabta mal-passjoni f'pajjiżna.

Dan kollu jurina kemm l-attività Kristjana taż-żmien nofsani bikri kienet ħajja u attiva speċjalment fil-Belt ta' *Melite* (Rabat u l-Imdina) u l-inħawi ta' madwar.

## Ir-Rabat fi-żmien l-Għarab

Il-miġja tal-Għarab f'Malta biddlet l-istruttura kollha tal-poplu malti kollu firidna mid-drawwiet mit-twemmin u mill-kultura Ellenika-Rumana-Nisranija.

Fis-sena 870 Malta waqgħet f'idejn l-Għarab u skont il-kittieb għarbi al-Himjari il-gżira ta' Malta sfat ħerba sħiħa u bla popolazzjoni. Jista' jkun esaġerazzjoni letterarja u fuq kollox kull gwerra tħalli ħerba sħiħa. Dan il-kittieb, kiteb dan kollu fis-seklu erbatax minn fuq kitbiet ta' qablu li llum huma mitlufa. Li hu żgur minn kitbiet ta' wieħed Patri ċertu Theodosius hu li l-Isqof li kien meqjus is-Sultan ta' Malta ġie deportat f'ħabs ġewwa Palermo.[8] Mill-arkeoloġija nafu fiċ-ċert li f'tas-Silġ ġewwa Malta kien hemm devastazzjoni sħiħa u ġie maħruq kollox fejn kien hemm Bażilika Biżantina.[9]

Għaliex qiegħed nagħmel din l-emfasi kollha fuq dan? Għaliex teżisti polemika f'uħud mill-istoriċi li jsostnu li Malta ġiet depopolata u l-Kristjaneżmu ma baqax jiffunzjona għal mija u tmenin sena sħaħ fi gżiritna. Dan jista' jinbidel biss minn sejbit fl-arkeoloġija għax aħna qegħdin nimxu fuq kitbiet ta' al-Himjari biss u ma tistax taċċetta fuq kittieb wieħed.[10] Għal Għarab Malta kienet bażi militari importanti ħafna meta fuq kollox Ilvant ta' Sqallija kien għadu joffri reżistenza kontra l-ħakma Għarbija. Malta kellha portijiet mill-aqwa u kellhom bżonn l-injam mill-imsaġar tagħha speċjalment tas-

siġar tal-għargħar għall-imrikeb tagħhom is-sajjieda għal abbundanza tal-ħut madwar il-gżira u l-ġbir tal-għasel li tant kienet magħrufa Malta u lill-poplu tal-gżira biex jgħinhom isaħħu l-fortifikazzjonijiet tal-belt ta' *Madina*, kif kienet imsejħa, il-belt ta' Malta.[11]

Waħda mis-sejbiet riċenti, fejn jindika li l-insara baqgħu jattwaw il-fidi nisranija fil-ħakma Għarbija hija fil-Kappella troglodita (jiġifieri għar naturali jew imħaffer) ġewwa l-Mellieħa fejn bir-restawr riċenti nkixfet l-ikona oriġinali tal-Madonna, fejn instabu l-kelmiet MT TH li skont Mons. Vincent Borġ mhumiex miktuba bil-Grieg iżda bil-*Carolina minuscule* li jfisser bil-karattru Latin. Dan it-tip ta' Latin kien jintuża fis-seklu 8 wara Kristu u baqa' jintuża għal erba' sekli sħaħ, sas-seklu 12. Għalhekk din l-ikona saret jew ftit qabel il-miġja tal-Għarab jew waqt il-ħakma Għarbija f'Malta. Skont studju minn Professur Adolf Nokolaevich professur tal-ikonografija tal-Orjent ikkonkluda li hija xogħol tad-9 seklu jew 10 jiġifieri waqt il-ħakma Għarbija.[12]

L-Għarab lill-Kristjani jew lill-Griegi Ortodossi, l-Insara ta' lvant, kienu jsibuhom bħala r-Rum. F'Malta nsibu post, Wied ir-Rum li qiegħed bejn ir-Rabat u Ħad-Dingli fejn jibqa' sejjer sa qrib Miġra l-Ferħa. Dan il-post diżabitat għal dak iż-żmien u fertili kien hemm komunità Kristjana fejn kienu jeżerċitaw il-fidi nisranija tagħhom. Infatti fil-viċinanza ta' dan il-wied hemm ismijiet ta' postijiet bħal: *Dar il-binjiet, tad-dejr,* eċċ. Fil-vista pastorali tiegħu Mons. Pietro Dusina fl-1575 f'dan il-post, isemmi kif kien hemm għadd ta' kappelli li ħafna minnhom għadhom jiffunzzjonaw u oħrajn



L-affresk Biżantin jinsab fil-kappella troglodita fil-Mellieħa.

jinsabu f'rovina. Semma wkoll kappella troglodita ta' San Ġakbu sal-1996 kienet mitlufa. Bis-saħħa tal-professur Alain Blondy din il-kappella nstabet fl-irdumijiet ta' Wied ir-Rum wara li sid il-post naddafa mill-imbarazz li kien fiha. Alain sab li fiha hemm qtugħ fil-blat li jissejjaħ *arcosolium* speċi ta' artal eżatt bħalma nsibu fil-kappella troglodita ta' Sant'Agata.[13] Żgur li f'Malta u Għawdex ma hawnx konċentrazzjoni daqsekk ta' kappelli f'erja daqshekk limitata u ġo wied wieħed. Għalhekk dan il-wied żgur li kien santwarju Kristjan f'dawn iż-żminijiet imbegħda.

L-Għarab qatt ma kienu jiddettaw lill-Insara jiċħdu t-twemmin tagħhom. Skont Il-Qu`ran l-Insara kellhom jitħarsu basta jħallsu l-ġiżja (l-għexur) li kulħadd ħtieġlu jħallasha, flimkien mal-*kħaraġ* għal dawk li ma jħaddnux l-Islam u jeżerċitaw il-fidi tagħhom f'postijiet mwarrba u ma jfixklux it-tmexxija tal-Islam.[14]

Nafu ukoll li f'attakk Musulman fuq Pantellerija li seħħ fit-806, inħatfu sittin patri li uħud minnhom infdew minn Karlu Manju nnifsu, u sena wara ntbagħtu lura fi gżirithom.[15] Dan narawh fi Sqallija fejn ir-reliġjon Kristjana Biżantina xorta baqgħet teżerċita l-funzjoni tagħha billi baqgħu jinbnew il-monasteri. Meta Palermo ġiet meħuda min-Normanni mill-ħakma Għarbija sabu li l-Isqof Biżantin Nicodemus kien għadu jeżerċita l-fidi Kristjana minn ġo kappella żgħira imma mhux mill-Katidral dedikat lill-Madonna għax dan ittieħed biex għamluh Moskeja.[16]

Ir-Rabat u madwar l-inħawi tiegħu nsibu għadd mhux ħażin minn dawn il-kappelli trogloditi li kienu jsiru ċelebrazzjonijiet liturġiċi kif semmejna aktar 'il fuq, l-Abatija tad-Dejr li aktarx kienet Bażilika Biżantina mgħammra kollha affreski u pavimenti bill-mużajk b'ċimiterju Kristjan magħha. Il-Grotta ta' San Pawl f'dak iż-żmien kienet 'il barra mis-swar tal-Belt b'katakombi Kristjan magħha. Il-kappella troglodita ta' Sant'Agata mdawra kollha affreski u kumpless ta' dfin għall-Kristjani. Kripta oħra tal-ewwel insara hija l-kappella troglodita ta' Marija Madalena. Din hija l-unika kappella li baqa' minn ċimiterju vast fejn kien hemm tlieta u għoxrin kappella bi kripta magħhom għad-dfin. Oħra ta' San Katald imdawra b'oqbra imżejnin b'disinji arkitettoniċi. Il-kripta u l-katakombi ta' Santa Venera, illum mitlufa dawn

Semmejthom aktar 'il quddiem. Il-kripta Tal-Virtù b'kumpless ta' katakombi. Il-Kappella troglodita ta' San Leonardu l-Lunzjata u l-kappella ta' San Ġakbu mal-irdum ta' Wied ir-Rum. Dawn kollha kienu kappelli fejn l-Insara aktarx baqgħu jeżerċitaw il-fidi tagħhom fir-Rabat.



**L-entratura tal-kappella tal-Madalena fiċ-ċimiterju kbir ħdejn il-knisja ta' San Pawl. 1664, minn Wilhelm Schellink**

Forsi għad jasal iż-żmien li, fejn l-istorja qed tara qtugħ mudlam, l-arkeoloġija tilmaħ kontinwità. L-idea ta' depopolament totali tista' tapplika għal perjodi qosra.[17] Kieku Malta taħt l-Għarab kienet diżabitata għal-180 sena sħaħ kieku l-Islam ma kienx iħalli mpatt daqsekk qawwi fuq il-gżejjer Maltin. L-Islam kien marbut mal-ħajja tal-komunità, mad-drawwiet, kultura materjali u l-istituzzjoni soċjali tagħha. Xhieda ta' dan huma l-ismijiet tal-bliet, irħula, plajjiet, widien, irdumijiet, gżejjer kważi kull rokna mdella tal-Gżejjer Maltin. Il-bini antik ta' Malta u Għawdex l-istruttura tiegħu bil-btieħi fin-nofs u t-tieqa *Muxrabija, miġlis, dukkien* u *siqifah* element Musulman. Daħħlu wkoll is-sienja fejn kien jittella' l-ilma pemezz ta' bhima għat-tisqijja. Introduċew iż-żerriegħa għat-tkattir tal-qoton fejn wara saret industrija kbira f'Malta u Għawdex. Jingħad ukoll li fi żmienhom bdiet il-kultivazzjoni tal-larinġ u l-lumi. Xhieda oħra ta' dan hija d-djalett Għarbi mitkellem mill-poplu fejn baqa' wirt ħaj sal-ġurnata tal-lum. L-unika ħaġa li l-Islam falla kien ir-reliġjon Musulmana għaliex kien hemm dawk l-imsiebaħ jixegħlu fid-dlam ta' dawn il-kappelli triglotiti fejn reġgħu xegħlu l-fjamma tar-reliġjon Kristjana.

## Ħajr

Nixtieq inrodd ħajr lil Joseph Muscat tal-pariri siewja li tani u ddiskutejna ħafna temi ta' dan il-ktieb flimkien fejn anke ħa ħsieb jikkoreġi l-Malti, lir-Rettur tal-Arċikonfraternità Anthony Casha, u l-ex Rettur Duminku Micallef li ħeġġewni bl-għajnuna tagħhom b'notamenti mill-arkivju tal-Arċikonfraternità fuq dan ix-xogħol, lil Gwardjan Patri Pawl Galea O.F.M. li tani l-permess nigbed għadd ta' ritratti fil-kunvent, lill-mibki Rev. Patri Ivo Tonna O.F.M. li bil-paċenzja kollha għalkemm ħafna drabi kien ma jiflaħx, qaleb għall-Malti mill-Latin referenzi li ltqajt magħhom fil-manuskritti, lil Jeremy Debono li għaddieli kull informazzjoni li sab dwar il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, Br Dominic Borġ M.S.S.P talli tani permess nigbed rittratti mill-Mużew ta' Santa Agata, lil Marlon u lil missieru Joe Schembri talli selfuni ritratti antiki u rari tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat li ħafna minnhom ġew ippublikati għall-ewwel darba f'dan il-ktieb, dawn kienu ta' missier Joe il-mibki Ġużeppi Schembri, lil Winston Żammit li għaddieli nformazzjoni fuq il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira minn dokument tal-1816, lil ex prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira Twanny Ċiappara li sellifli dokumenti u kitbiet fuq il-purċissjoni tar-Rabat, lill-moderatur attwali Charles Ciantar tal-għajnuna kull meta tlabtu.

**Referenzi**


1 Mid-diskors ta' Victor Mallia. Milanes, waqt l-introduzjoni tal-ktieb *Il-Knejjes u Kappelli ta' San Pawl f'Malta u Għawdex,*

2 Mill-ktieb ta› Joseph F Grima, *Il-Vari tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Gżejjer Maltin,* p. 20 miħuda mill-*Actas del III Congreso Nacional de Confradias de Semana Santa Cordoba 1996.*

3 Kitbiet u studju ta' Patri Twanny Chircop Prokuratur tal-Art Mqaddsa.

4 Joseph F Grima. *Il-Vari tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Gżejjer Maltin,* p. 21.

5 Mario Buħaġiar, *The early Christians site at Abbatija Tad-Dejr, Rabat, Malta, Treasures of Malta,* p.9. Lazzaro Pisani ġie mqabbad biex jagħmel akwarell minn Dr A.A. Caruana fl-1898.

6 Fil-ktieb *Della Descrittione di Malta,* Gian Francesco Abela jagħmel din id-deskrizzjoni, p.46.

7 Brian Bonnici, *Il-Ġimgħa l-Kbira F'Malta,* p.54. Jikkumenta ukoll Mons Vincent Borġ, *The Maltese Diocese and the Sicilian Environment from the Norman Period till 1500 AD,* Book 1. P. 3.

8 Andrew P Vella. P. *Storja ta' Malta,* Vol.1, p.66.

9 Vincent Borg, *Melita Sacra I*The Maltese Diocese and the Sicilian Environment from the Norman Period till 1500 AD,* . p.12.

10 Charles Dalli. *Iż-Żmien Nofsani Malti,* p.30.


> Il-kuruna li fuq rasek imħabbitna llum poġġiet lil qalb tiegħek mal-qalb tagħna torbot f'għaqda tas-smewwiet.